# L-Iskejjel f'Raħal Ġdid fl-Aħħar Gwerra Dinjija



minn Alfred Ellul Galea B.A.



F'Mejju ta' dis-sena kellhom isiru għadd ta' ċelebrazzjonijiet fl-Ewropa kif ukoll f'pajjiżna biex jitfakkar il-ħamsa u sebgħin anniversarju minn tmiem it-tieni gwerra dinjija fl-Ewropa. Minħabba l-pandemija tal-coronavirus dawn saru fuq skala ħafna iżgħar. Iżda bħal ma seħħ tul dil-pandemija tal-COVID-19, matul is-sitt snin li damet il-gwerra (1939-45), bosta oqsma tal-ħajja f'pajjiżna, fosthom dawk soċjali, kulturali u reliġjużi, ma baqgħux għaddejja bir-ritmu tas-soltu. L-istess jista' jingħad għas-sistema edukattiv. Il-gwerra ħarbtet is-sistema edukattiv u l-istudenti, flimkien mal-għalliema tagħhom, ġarrbu l-biża' u t-twegħir li gwerra ġġorr magħha. U fost it-tfal li għaddew minn daż-żmenijiet diffiċli u koroh kien hemm dawk li kienu jgħixu f'Raħal Ġdid u Ħal Tarxien.

Is-sħab iswed tat-tieni gwerra dinjija kien ilu jinġema' fuq ix-xefaq. Sa mill-gwerra tal-Abbisinja fl-1935, f'pajjiżna ġà kienu bdew isiru t-tħejjijiet għaliha minħabba t-tfigħ ta' gass velenuż fuq dak it-territorju. L-awtoritajiet Maltin ħasbu mill-ewwel sabiex iħejju lill-popolazzjoni dwar kif għandha tilqa' għal dal-periklu. Għal dan il-għan l-iskola primarja tal-gvern ta' Raħal Ġdid ta' biswit il-bandli, li kienet għadha sular wieħed, f'ħakka t'għajn inbidlet f'maħżen ta' maskri tal-gass.

Sentejn qabel ma faqqgħet il-gwerra, fl-1937, studenti bniet f'din l-iskola, taw daqqa t'id fl-immuntar ta' dal-maskri. Ix-xogħol kien isir wara nofsinhar taħt il-ħarsien tal-għalliema. F'jum minnhom, fid-29 ta' Settembru tal-1938, sat-3.35 p.m. kienu ġà tqassmu mas-sitt elef minnhom. Dakinhar l-istudenti bniet u l-għalliema tagħhom kienu mmuntaw 5,000 maskra u 2,000 oħra fil-jum ta' qabel. Mill-istess skola tqassmu wkoll ftit inqas minn 4,000 *haversack* u kien biss f'Jannar ta' sena wara li ħażna tal-maskri tneħħiet mill-bini ta' dil-iskola.



*Is-Sur Anthony P. Bilocca, Supretendent taċ-ċentru tal-A.R.P. ta' Ħal Tarxien u Raħal Ġdid, flimkien ma' uffiċjali oħra taċ-ċentru. Is-Sur Bilocca jidher bilqiegħda fin-nofs.*

Ħidma ta' dix-xorta mhux tas-soltu ħarbtet b'xi mod jew ieħor ir-rutina tat-tagħlim f'dil-iskola primarja tal-bniet. Għax minbarra t-tqassim tal-maskri mill-iskola, quddiem il-bini tagħha kien ikun hemm vann li fiha jintefa' l-gass bin-nies jidħlu ġo fih sabiex jippruvawhom. U ma' dawn l-inkonvenjenti kien hemm ukoll il-*cannisters* tal-gass li wkoll kienu jinħażnu

f'dil-iskola. F'naħa oħra ta' Raħal Ġdid, f'Kordin, kien twaqqaf apposta ċentru jew skola għat-taħriġ kontra dan il-gass. It-taħriġ kien jitmexxa minn għalliema Ingliżi.

Iżda aktar ma s-sħab sfieq tal-gwerra beda jersaq lejn il-gżejjer tagħna, deher ċar daqs il-kristall li t-tagħlim ta' ulied il-poplu kien ser jintlaqat bil-kbir. Hekk li fil-15 ta' Mejju tal-1940 l-iskejjel tilfu lill-kapijiet tagħhom li ssejħu biex iservu fl-*Ispecial Constabulary*. Wieħed minn dawn kien is-Sur Anġlu Cilia, il-Kap tal-Iskola Primarja tas-Subien ta' dawn l-inħawi. Għaldaqstant, it-treġija ta' dil-iskola kellha tgħaddi f'idejn is-Sur Paul Vella. F'intervista li kont għamiltlu fl-1998 kien qalli li 'fl-agħar tal-blitz kont ninżel Raħal Ġdid u għamilt xahar hawnhekk mal-Kap tal-Iskola s-Sur Vella. Kellna skejjel fi Triq Melita f'Raħal Ġdid u San Bert f'Ħal Tarxien. Kollha fi djar privati minħabba l-gwerra. L-iskola ta' fejn il-bandli kienet okkupata mill-COSUP. Fil-gwerra qattajna xahar hawnhekk'. Fl-1944 s-Sur Cilia kien intbagħat l-iskola tas-subien f'Bowyer House Ħal Tarxien biex jiġbor flimkien is-subien tal-klassijiet il-kbar ta' Raħal Ġdid u Ħal Tarxien. Snina wara hu kien ukoll il-Kap tal-Iskola Primarja tas-Subien li nbniet ftit aktar 'il fuq fl-istess triq fejn hemm dik tal-bandli u li wara, fil-bidu tas-sebgħinijiet, inbidlet f'waħda sekondarja.

## Għeluq tal-Iskejjel

Fit-28 ta. Mejju tal-1940 għalqu l-iskejjel kollha f'Malta u Għawdex. Erbat ijiem wara nfetħu għaxar ċentri tal-A.R.P. (*Air Raid Precaution*), fosthom f'żewġ skejjel f'Ħal Tarxien – dik ta' Triq l-Iskola u l-oħra fi Triq San Alwiġi magħrufa minn ħafna bħala 'l-Oratorju'. Tal-ewwel tħejjiet bħala lok ta' dekontaminazzjoni, jew aħjar sabiex fiha jkunu kkurati dawk li jibilgħu l-gass imsemmi f'każ li jintefa'. L-oħra ġiet mgħammra b'apparat meħtieġ fl-għoti tal-ewwel għajnuna kif ukoll sabiex fiha jkunu jistgħu jsiru xi operazzjonijiet żgħar. Il-kwartier ġenerali tal-A.R.P. kien stazzjonat f'din tal-aħħar u minbarra kmamar ta' rqad, tal-ikel u r-rikreazzjoni, kellha wkoll kappella. Meta l-attakki mill-ajru żdiedu Dun Bert Grech kien ħa s-Sagrament mill-knisja parrokkjali ta' Raħal Ġdid, li kienet għadha qed tinbena, għall-Oratorju. Is-Supretendent tal-A.R.P. f'Ħal Tarxien kien is-Sur Anthony P. Bilocca, li taħtu kellu aktar minn ħamsin persuna f'tobba, surġenti, riservisti, xufiera u *Air Raid Wardens* nisa.



*Is-Sur Anġlu Cilia, Kap tal-Iskola Primarja tas-Subien ta' dawn l-inħawi, li matul il-gwerra kellu jitlaq minn idejh it-treġija tal-iskola minħabba mpenji ċivili.*

Iċ-ċentru tal-A.R.P. fl-Oratorju ta' Ħal Tarxien, minbarra għal Raħal Ġdid, kien responsabbli wkoll għal dak li jseħħ ukoll f'Ħal Luqa, il-Gudja, Ħal Għaxaq, Ħal Safi, il-Qrendi, l-Imqabba, iż-Żurrieq, Kalafrana u Birżebbuġa. In-nies ta' dan iċ-ċentru kienu jaħdmu lejl u nhar mingħajr waqfien f'xogħol ta' salvataġġ b'periklu kbir għal ħajjithom huma u jqallbu qalb it-tifrik ta' bini mwaqqa' biex joħorġu l-midruba u l-mejta.

It-tħejjijiet li saru qabel ma seħħ l-ewwel attakk fuq gżiritna fil-11 ta' Ġunju tal-1940 ġabu magħhom bidla kbira fir-rutina li kienu mdorrijijin biha l-istudenti u l-għalliema ta' dawn l-inħawi. Biżżejjed wieħed jagħti daqqa t'għajn lejn il-*Log Books* tal-iskejjel f'Raħal Ġdid u Ħal Tarxien li l-Kapijiet tal-Iskejjel tagħhom kienu jniżżlu fuqhom dak kollu li jseħħ fil-qadi ta'dmirijiethom, biex jintebaħ biż-żmenijiet diffiċli li kienu għaddejjin minnhom.

Daqqa t'għajn lejn dak li seħħ fl-iskola tas-subien Bowyer House f'Ħal Tarxien u li fiha kienu jattendu tfal mir-Raħal Ġdid u Ħal Tarxien, jixhed saħansitra dak li għaddew minnu l-istudenti fix-xhur ta' qabel faqqgħet il-gwerra. F'Settembru tal-1939 l-għamara f'dil-iskola ttieħdet f'dik tal-Oratorju San Alwiġi. Ftit wara l-ftuħ tagħha, l-istudenti u l-għamara reġgħu ttieħdu lura f'Bowyer House, biex f'April 1940 għaddiet f'idejn ir-Riġment tad-Devonshire, bl-istudenti jsibu posthom mill-ġdid fl-iskola tal-Oratorju.

Iżda t-trawma ta' dal-istudenti ta' Raħal Ġdid u Ħal Tarxien ma kinetx qed taffettwa lil daż-żewġ lokalitajiet biss, iżda wkoll lil sħabhom fi bliet u rħula oħra tal-gżejjer Maltin. U din marret għall-agħar mad-dikjarazzjoni ta' gwerra mit-Taljani fl-10 ta' Ġunju 1940. Għax sa dakinhar l-istudenti, u forsi l-ġenituri tagħhom ukoll, ma kinux għadhom jafu xi tfisser li tgħix fi gwerra. Dan kien jidher ċar mix-xorta ta' logħob tat-tfal waqt ir-rikreazzjoni tagħhom meta kienu jieħdu pjaċir jilgħabu 'tal-gwerra' u 's-suldati' u minn fommhom ma kontx tismagħhom ħlief ilissnu l-ismijiet ta' 'Hitler' u 'Mussolini'.

L-awtoritajiet tal-pajjiż ħadu ħsieb li jagħmlu użu tajjeb mill-iskejjel u istituzzjonijiet edukattivi fil-gżejjer Maltin. Filwaqt li wħud servew bħala ċentri tal-A.R.P., oħrajn ittieħdu biex jinħażen l-ikel fihom. Kien hemm oħrajn li ngħataw lill-awtoritajiet militari. Aktar 'il quddiem xi wħud minnhom servew ukoll bħala akkomodazzjoni għan-nies.

## L-Iskola ta' St Joseph mibdula fi sptar

L-Iskola tas-Sorijiet ta' St Joseph fi Triq Ħaż-Żabbar Raħal Ġdid missitha wkoll l-istess xorti bħal bosta skejjel. Bħall-Istitut Tekniku Bugeja tal-Ħamrun, dil-iskola nbidlet fi sptar ta' emerġenza biex tilqa' l-midruba. Fiha setgħu jsiru operazzjonijiet kbar u bħala Supretendent kellha t-tabib E. Agius. Sa mill-ewwel attakk fil-11 ta' Ġunju 1940, dil-iskola tas-sorijiet laqgħet fi ħdanha għadd ta' nies midruba mill-Kottonera. Iżda ma damitx wisq taqdi dil-missjoni għax wara ftit ġimgħat għalqet minħabba li l-bini kien jinsab f'inħawi ta' periklu, bejn it-Tarzna u l-ajruport. L-iskola ma reġgħetx fetħet għat-tagħlim.

Iżda meta l-iskejjel f'Malta u Għawdex fetħu mill-ġdid il-bibien tagħhom f'Settembru tal-1940, l-awtoritajiet ħadu ħsieb li dawn ikunu mferrxin f'għadd ta' djar privati u mhux konċentrati f'bini wieħed. Xhieda ta' dal-pass għaqli kellu effett kbir fuq l-istudenti ta' Raħal Ġdid u Ħal Tarxien li ġew imferrxa f'sittax il-binja differenti. Dan sar biex ikun evitat li għadd ta' tfal ikunu taħt saqaf wieħed f'każ ta' emerġenza għax seta' jkollu konsegwenzi koroh. Għal dan l-iskop inkrew għadd ta' djar privati mill-awtoritajiet tal-edukazzjoni. Djar li kienu jkunu qrib xi xelter biex f'każ ta' attakk mill-ajru l-istudenti u l-għalliema jkunu jistgħu jidħlu jistkennu fih fl-iqsar ħin possibbli. Fil-Log *Book* tal-Iskola Primarja ta' Raħal Ġdid li jkopri l-perjodu mill-1930 sal-1954 hemm miktub li f'Settembru tal-1940 l-iskola kienet tikkonsisti f'dawn il-klassijiet: Stds 1, 2 u



*L-Iskola tas-Sorijiet Mater Boni Consiglii ta' Raħal Ġdid li fl-ewwel jiem tal-gwerra serviet bħala sptar.*

3A kienu allokati f'bini fi Triq Ħaż-Żabbar; Stds 3B, 4A u 4B f'bini fi Triq Palma.

L-għalliema kienu jħarrġu lill-istudenti dwar x'għandhom jagħmlu f'każ ta' tfigħ ta' bombi mill-għadu u kif għandhom jinżlu b'ordni fix-xelters. F'nota qasira mniżżla fil-*Log Book* tal-Iskola Primarja tal-Bniet ta' Raħal Ġdid insibu miktub bl-Ingliż dal-kliem: 'Taħriġ għal Attakki mill-Ajru: il-klassijiet kollha ta' Triq l-Iskola Ħal Tarxien u Triq Palma f'Raħal Ġdid huma organizzati tajjeb ħafna għal meta jinqala' xi attakk mill-ajru. Il-klassijiet fiż-żewġ taqsimiet kapaċi jkunu fix-xelters f'erba' minuti'. Din id-dixxliplina stretta kienet ġiet osservata minn espert barrani tal-edukazzjoni – is-Sur C. Ellis, li f'rapport li ħejja fl-1943 semma wkoll li taħt il-ħarsien tal-għalliema ebda student ma safa' vittma waqt attakk mill-ajru fil-gżejjer Maltin matul il-gwerra.

## L-għalliema ssugraw ħajjithom

Is-Sur Ellis irrefera wkoll għad-dedikazzjoni tal-għalliema. Tajjeb li jingħad li dawn issugraw ħajjithom ukoll sabiex it-tagħlim seta' jibqa' miexi regolari matul is-snin li damet il-gwerra. Kien hemm uħud fosthom li aktar 'il quddiem inqabdu bil-lieva, filwaqt li oħrajn meddew għonqhom fit-tqassim tal-ikel mill-kċejjen ekonomiċi, aktar tard magħrufa bħala 'Victory Kitchens', kif ukoll fl-*Air Raid Constabulary* u fl-*Ispecial Constabulary*.

Kif ingħad aktar 'il fuq, matul it-tieni gwerra dinjija l-istudenti bniet ta' Raħal Ġdid u Ħal Tarxien bdew jingħataw it-tagħlim fi djar fi Triq Ħaż-Żabbar u Triq Palma, b'dar minnhom f'din tal-aħħar bis-sid ikun il-Kappillan tal-parroċċa ta' Raħal Ġdid Dun Franġisk Xuereb. Dan seħħ wara li l-iskola primarja tal-bniet ta' biswit il-bandli bdiet tintuża bħala uffiċċju għall-ħażna ta' oġġetti essenzjali, fosthom xaħam żejt. Dal-uffiċċju jew ċentru kien magħruf bl-isem ta' COSUP.



*Dar imġarrfa f'attakk mill-ajru fi Triq Ħaż-Żabbar Raħal Ġdid. Fi djar bħal din fl-istess triq kienu jingħataw it-tagħlim l-istudenti ta' dawn l-inħawi fit-tieni gwerra dinjija.*

Is-subien ta' dawn l-inħawi sabu ruħhom sparpaljati f'binjiet differenti wkoll. Huma kienu jattendu għal-lezzjonijiet fi klassijiet ta' djar fi Triq Ħaż-Żabbar, Triq Palma u Triq Pawla-Tarxien. Dan kien possibbli billi għall-ewwel kienet tinkera kamra ta' dar u aktar tard jinkrew kmamar oħra fil-qrib li wara kienu jitniffdu.

Xi wħud mid-djar li ntużaw bħala klassijiet għat-tagħlim fi żmien l-aħħar gwerra dinjija f'Raħal Ġdid kienu dawk enumurati 7 u 14 fi Triq Ħaż-Żabbar, u dawk bin-numri 61, 72, 73 u 74 fi Triq Palma. Fi Triq Pawla-Tarxien inkriet id-dar bin-numru 109 u fi Triq il-Karmnu dik nin-numru 25. Intużat ukoll bħala klassi dar li kienet iġġib in-numru 33 fi Triq l-Arkata li llum hi l-qasam tas-Soċjetà tad-Duttrina, il-MUSEUM. It-tagħlim kollu kien isir fuq sistema msejjaħ *half-time* minħabba l-għadd kbir ta' studenti. Għaldastant kien hemm student li jattendu għal-lezzjonijiet filgħodu u oħrajn wara nofsinhar.

Fs-sena 1942, meta gżitina sofriet l-akbar attakki mill-ajru, u f'dik ta' warajha, għadd ta' skejjel Maltin, inkluż dawk ta' Raħal Ġdid u Ħal Tarxien ġarrbu xi ħsarat. Xieraq għalhekk li nerġgħu nagħtu titwila fil-*Log Books* li kienu jinżammu fl-iskejjel b'reqqa mill-Kapijiet tal-Iskejjel f'dawn iż-żewġ lokalitajiet biex naraw liema kienu. Fihom hemm imniżżel li dawn l-iskejjel ma ġarrbux ħasarat kbar paragunat ma' oħrajn fil-bqija ta' gżiritna. Fil-fatt, sa tmiem is-sena 1941 fil-gżejjer Maltin ġà kienu ġġarfu għaxar skejjel u tlieta u tletin oħra ġarrbu xi ħsarat. Fil-*Log Book* insibu mniżżlin dal-kummenti:

17 ta' Ottubru 1940 – Instabet bomba mhux sploduta fi Triq Palma. L-istudenti li joqogħdu fil-qrib intbagħtu d-dar.

15 ta' Lulju 1941 – Ittieħdet għamara għall-iskejjel fi Triq Palma u Triq Ħaz-Żabbar, Raħal Ġdid.

4 ta' Frar 1942 – Minħabba *air-raid* li dam sejjer għal ħafna ħin, ma sarux lezzjonijiet wara nofsinhar (bejn il-11.30 a.m. u l-4.30 p.m.).

20 ta' Marzu 1942 – Attakk mill-ajru tul l-għodwa kollha. Ma sarux lezzjonijiet filgħodu.

23 ta' Marzu 1942 – Attakki mill-ajru ma jaqtgħu xejn tul il-ġurnata kollha. Ma sarux lezzjonijiet.

Fl-ewwel ta' April tal-1942 jissemma l-ewwel rapport ta' ħsarat f'xi skejjel f'Raħal Ġdid u Ħal Tarxien. Soqfa ta' żewġ klassijiet fi Triq l-Iskola Ħal Tarxien ġarrbu ħsarat bil-bombi bl-inġinier inkarigat mid-distrett, is-Sur Demajo, jingħata rapport dwar il-ħsarat. Huwa wiegħed li jindaga dwarhom fl-iqsar żmien possibbli. Minħabba li l-attakki mill-ajru fis-sena msemmija kienu aktar spissi, ħafna mil-lezzjonijiet ma sarux u ħafna drabi kienu jsiru fix-xelters.

## Ħsarat fis-soqfa

Fit-30 ta' Ġunju tal-istess sena, l-iskola fi Triq Palma Raħal Ġdid ġarrbet ħsarat fis-saqaf kaġunat minn bomba tal-ħin, filwaqt li ġimgħa wara l-istudenti f'din l-iskola ntbagħtu d-dar minħabba s-sejba ta' bombi mhux sploduti fil-qrib wara li pulizija għarrafhom bil-periklu. F'Ottubru tal-1942 intlaqtet l-iskola ta' Triq l-Iskola f'Ħal Tarxien, li kellha tingħalaq għal xi żmien. Ħafna mill-istudenti subien li kienu jingħataw il-lezzjonijiet fi djar fi Triq Palma, wara l-ħsarat li ġarrbu, kienu ġew akkomodati f'dik ta' Triq l-Arkata fejn illum jingħataw il-lezzjonijiet tad-duttrina, faċċata tal-knisja ta' Sant'Ubaldeska.

Meta l-lezzjonijiet f'xi klassijiet imxerrdin fi djar ma kinux isiru minħabba ħsarat fil-bini, l-għalliema kienu jintbagħtu jaqdu d-doveri tagħhom ma' studenti oħra fi klassijiet fi djar tal-qrib. Kemm kienu dedikati dal-għalliema stqarru fir-rapport tiegħu s-Sur Ellis li ma kellux għajr kliem ta' tifħir għall-kuraġġ u l-qlubija, kif ukoll id-dedikazzjoni murija mill-għalliema matul il-gwerra,

L-istudenti ta' dawn l-inħawi, fl-aqwa tal-*blitz*, tant tilfu lezzjonijiet li fit-28 ta' Mejju tal-1942 id-Direttur tal-Edukazzjoni Albert V. Laferla ordna li għall-bqija tas-sena skolastika tissokta t-*time-table* tax-xitwa. Iżda l-biża', l-għaks u l-ġuħ issoktaw joktru hekk li ħallew effett saħansitra fuq saħħet l-istudenti. Il-ħakk, jew aħjar l-hekk imsejjaħ *scabies*, ħakem lil bosta u fil-15 ta' Ġunju tal-1942 intbagħtet lill-awtoritajiet tal-edukazzjoni lista ta' bniet fl-iskola ta' Raħal Ġdid li nħakmu minn dil-imxija. Mard komuni ieħor fost l-istudenti f'dawk iż-żmenijiet kienu d-difterija li kienet teffettwa l-griżem u l-paraliżi, jew *poliomytis*. Minħabba din tal-aħħar l-istess skola għalqet fit-2 ta' Jannar tal-1943 u fetħet mill-ġdid fis-17 ta' xahar wara.

Għal ħabta ta' nofs is-sena 1943, il-qagħda tant tjiebet f'pajjiżna li bil-mod il-mod l-awtoritajiet militari bdew jgħaddu lura l-iskejjel li ġew mislufa lilhom. F'Diċembru ta' dik is-sena l-awtoritajiet tar-*Royal Air Force* urew it-tama li l-bini fi Triq l-Arkata (illum Triq Ġużè Damato), jew aħjar l-iskola primarja tal-gvern ta' quddiem il-bandli, tkun tista' tintuża għal għanijiet edukattivi. Xahar wara t-tama nbidlet f'realtà u beda jingħata t-tagħlim għall-istudenti fiha. Dik ta' Bowyer House ingħatat lura mir-*Royal Engineers* f'April ta' sena wara. Anki d-djar privati mikrija bħala klassijiet/skejjel, bdew jingħataw lura lil sidhom.


Il-bini fejn illum hemm il-qasam tal-Mużew tas-subien ta' Raħal Ġdid, li fl-aħħar gwerra dinjija u sa ftit snin wara wkoll, intuża bħala skola għat-tagħlim tal-istudenti subien ta' Raħal Ġdid.

Kellhom jgħaddu għadd ta' snin wara t-tieni gwerra dinjija qabel ma l-istudenti subien u bniet ta' Raħal Ġdid u Ħal Tarxien kienu akkomodati fi skejjel għalihom. Dan seħħ l-aktar minħabba li l-popolazzjoni tat-tfal li jattendu l-iskola issa kienet kibret sew. Tliet snin wara tmiem il-gwerra l-istudenti bniet tqiegħdu fi skejjel flimkien, iżda s-subien ta' Raħal Ġdid kellhom jistennew għal tlettax-il sena sħaħ qabel ma setgħu jgħidu li għandhom skola għalihom biss. Dan seħħ fit-tieni nofs tas-snin ħamsin tas-seklu li għadda meta nbniet skola primarja ftit 'il fuq minn dik tal-bandli u li fis-sebgħinijiet inbidlet fi skola sekondarja li kienet ngħatat l-isem ta' 'Ġużè Damato'. Illum f'din l-iskola jingħata tagħlim *Alternative Learning Pr*ogramme lil għadd ta' ġuvintur. Min-naħa l-oħra, l-iskola primarja ta' beltna ta' biswit il-Kunsill Lokali Paola li bdiet tinbena fis-snin tletin tas-seklu l-ieħor u matul l-aħħar gwerra dinjija kienet għadha sular wieħed, żdidilha sular ieħor wara li ntemmet,

## Riferenzi


*Sorsi primarji*

*Log Book Paola Girls' Primary School – mit-8 t'April 1930 sal 21 ta' Diċembru 1954.*

*Log Book Paola Boys – mit-12 t'April 1937 sal-24 ta' Jannar 1979.*

Karti sfużi miktubin bl-idejn fil-*Log Books Girls' Primary School (1930-1954)* u f'ieħor tal-istess skola bid-dati *1955-1982.*

*Sorsi sekondarji*

Bilocca, A.P., intervista mill-Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Mużew tal-Gwerra li saret fit-13 ta' Ġunju tal-1975.

Intervista mill-awtur lis-Sur Anġlu Cilia fit-8 t'April tal-1998, li silta qasira minnha kienet pubblikata f'*Il-Pagun* nru 7, 1997-98, magażin tal-iskola Sekondarja Ġużè Damato ta' Raħal Ġdid.

Camilleri E., 'L-Iskola tar-Raħal Ġdid', miġbura fi ħdax-il paġna stensiljati.

Micallef J., *When Malta Stood Alone (1940-1943)*, Malta 1981.

Tonna, E.S., *The Besieged Citadel and other Lasting Memories*, Malta, 1987.

Mizzi L., *Dħaħen tal-Gwerra*, Malta, 1974.

Boffa C.J., It-*Tlitt Ibliet Matul l-Aħħar Gwerra (1940-1944)*, Malta, 1976.